MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Appell Civili Numru. 327/2011/1

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**Dr Pierre Lofaro**

Il-Qorti;

Fil-25 ta' Marzu 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*Rat ir-rikors promotur ippresentat mir-rikorrenti Dr Pierre Lofaro kontra il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn ghamel referenza ghall Ittra Ufficjali 3149/11 ippresentata mill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni fid 9 ta' Settembru 2011 fejn gie mitlub ihallas is-somma ta' €6,617 bhala taxxa ghas-snin 1995, 1996 u 1998.*

*Ir-rikorrenti ippremetta illi, ai fini tal-artikolu 47 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kellu ebda dritt illi jithlob il-hlas ta' tali taxxi peress illi huma preskritta bil-periodu ta' tmien snin kif ikkontemplat fl-Artikolu 47 (2) tal-Kap 372. Huwa ghalhekk talab*

*lill-dina l-Qorti sabiex tiddikjara t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali 3149/11 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Il-Kummsisarju tat-Taxxi Interni, da parte tieghu, irrisponda ghal tali talba, u ghamel diversi eccezzjonijiet, uhud ta' natura preliminari filwaqt illi ohrajn dwar il-fatti.*

*Illli, fis-seduta tas 17 ta' Frar 2012, gie ordnat illi jinstemghu provi da parte tal-partijiet fuq it-tieni, tielet u raba eccezzjoni imressqa mill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni u fis-seduta tal 5 ta' Ottubru 2012, il-partijiet qablu li ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u l-kawza setghet tibqa ghas-sentenza preliminari fuq it-tlett eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq indikati.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ser jigu kkonsidrati minn dina l-Qorti huma tlieta, ossija:-*

1. *Illi r-rikors ma huwa bbazat fuq ebda disposizzjoni tal-Ligi u l-Artikolu 40 tal-Kap 372 ma jaghti ebda rimedju lir-rikorrent.*

2. *Illi l-kontestazzjoni dwar il-quantum tat-taxxa dovuta ma tistax issir billi tigi attakata l-Ittra Ufficjali, u dana peress illi t-titolu ezekuttiv attwalment kien gia attenut qabel u independentement mill-Ittra Ufficjali.*

3. *Illi dina l-Qorti m'hijiex vestita bil-kompetenza biex tissindika l-quantum tat-taxxa dovuta peress illi dina tista ssir biss permezz ta' proceduri stipulati fil-Kap 372.*

*Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni illi fiha intqal li r-rikors ma huwa bbazat fuq ebda disposizzjoni tal-Ligi u l-Artikolu 40 tal-Kap 372 ma jaghti ebda rimedju lir-rikorrent*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi Interi jikkontendi illi l-Kap 372 imkien ma jipprovdi illi xi wiehed mit-titoli ezekuttivi illi huma ikkontemplati fl-artikolu 40 tal-istess Att jistghu jigu attakati permezz tal-Ittra Ufficjali, kif qieghed jaghmel ir-rikorrent fil-proceduri odjerni. Huwa ghalhekk illi kien qed jinsisti li l-azzjoni hija nulla.*

*Apparti minn hekk, il-Kummissarju tat-Taxxi interni jikkontendi illi tali azzjoni lanqas ma tista titqies bhala xi azzjoni mehudha a tenur tal-Artikolu 466 jew tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 peress illi l-ittra ufficjali meritu tal-kawza odjerna ma hijiex mahruga a tenur tal-Artikolu 466 ta' l-istess Kap 12 kif ukoll ma tistax titqies bhala mandat a tenur tal-Artikolu 273 tal-Kap 12.*

*Kien ghalhekk illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien qieghed jinsisti illi l-azzjoni oderjna hija nulla.*

*Ir-rikorrent, da parte tieghu, jaqbel mal-arumenti mressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi l-proceduri odjerni ma humiex dawk ikkontemplati a tenur tal-Artikolu 281 jew 466 tal-Kap 12 peress illi ,kien innota l-istess rikorrent, l-ittra ufficjali illi qieghda tigi attakata permezz ta' tali proceduri hija dik mahruga a tenur tal-Artikolu 44 (1) (b) tal-Kap 372.*

*Dana l-artikolu jipprovdi dwar poteri illi ghandu il-Kummissarju tat-Taxxi Interni meta taxxa ma tithallasx u tipprovdi li:-*

*il-Kummissarju għandu jinnotifika nota ta' talba lill- persuna intaxxata, u jekk ma jsirx il-ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jipproċedi għall-infurzar tal-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl- artikolu 40 wara jumejn min-notifika lid-debitur ta' intimazzjoni għall-ħlas magħmula permezz ta' att ġudizzjarju, jew kif hawn 'il quddiem provdut;*

*Ir-rikorrent, filwaqt li stqarr illi l-azzjoni odjerna ma hijex wahda ikkontemplata fil-ligi, innota illi l-fatt li azzjoni ma tkunx esspressament ikkontemplata ma jfissirx illi ma tistax issir.*

*Sabiex jikkorrobora tali argument, r-rikorrent ressaq analogija mal-posizzjoni mehudha mill-Qorti tal-Appell fil-kwistjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' tribunali gudizzjarji u kwazi-gudizzjarji fejn il-Qorti ammettiet illi jkun hemm stharrig gudizzjarju fil-konfront ta' tali tribunali ghalkemm l-Artikolu 469A tikkontempla biss azzjonijiet fil-konfront ta' awtorita' pubblika.*

*Il-Qorti, f'dan l-istadju, tirrileva illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell wasslet ghal tali konkluzjoni mgharrfa peress illi applikat dak pprovdut fl-Artiklu 32 (2) tal-Kap 12 li tipprovdi li l-Qorti Civili tippresjedi fuq il-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, u kien in vista ta' dina l-gurisdizzjoni residwa li attwalment ghaddiet biex tissindika dak li, strettament, skond il-Ligi, ma kellha ebda sahha tissindika.*

*Fil-kaz odjern, madanakollu, is-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti, u dana peress illi l-Qorti ma hijiex il-Qorti Civili izda hija l-Qorti tal-Magistrati, bil-kompetenzi limitati taghha kif stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Kap 12. Apparti minn hekk, kif korrettement irrilevat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza citata mill-istess rikorrent 'General Workers' Union vs Bank of Valletta plc deciza fid 19 ta' Jannar 2010*

*Fl-ordinament guridiku Malti – a distinzjoni minn kif tista' tkun il- pozizzjoni f'ordinamenti guridici esteri – il-qrati huma marbutin bil-parametri li tippreskrivi l-ligi, bhal kwalunkwe organu pubbliku iehor, u ma jistghux jeccedu dawk il- parametri. Ghalhekk, il-qrati ma jistax ikollhom gurisdizzjoni aktar minn dik li b'ligi statutorja hija moghtija lilhom mil-legislatur, u konsegwentement lanqas jistghu jaghtu rimedji li ma humiex kontemplati bil-ligi statutorja. L-unika eccezzjoni hija fil-kuntest ta' kawzi fejn jigi dikjarat li jkun sar jew se jsir ksur ta' xi dritt fondamentali, fejn kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Kap. 319 espressament jaghtu diskrezzjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili u lill-Qorti Kostituzzjonali biex jaghtu kwalunkwe rimedju li jidhrilhom opportun.*

*Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnutax illi r-rikorrenti ghandu rimedji ohra sabiex jattakka l-effetti tat-titolu ezekuttiv mahrug fil-konfront tieghu. L-Ittra Ufficjali illi r-rikorrenti qieghed jittenta jattaka ma hija xejn aktar minn nota ta' talba ta' hlas illi qieghda ssir mill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema nota l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni ghazel illi jaghmilha permezz ta' Ittra Ufficjali ghalkemm l-Ligi per se ma tirrikjedix tali htiega, u ghalhekk, anke kieku dina l-Qorti kellh, b'xi mod tiddikjara l-ittra ufficjali bhala nulla kif qieghed jitlob ir-rikorrent, xorta jibqa impregudikati l-effetti tat-titolu ezekuttiv ottjenut mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni a tenur tal-Artikolu 40 tal-Kap 372.*

*Il-Qorti ghalhekk tqis illi la darba l-azzjoni ttentata mir-rikorrenti ma hijiex wahda kkontemplata fil-Ligi, u la darba il-Qrati tal-Magistrati huma obbligat josservaw il-parametri lilha preskriti mill-Ligi, it-tieni eccezzjoni mressqa mill-Kummissjaru tat-Taxxi Interni hija valida u ghandha tigi accettata.*

*Konkluzjoni*

*Il-Qorti*

*Wara illi rat t-tlett eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ossija it-tieni, tielet u raba eccezzjoni,*

*Wara illi rat il-provi prodotti fuq tali eccezzjonjiet.*

*Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippresentati miz-zewgt partijiet*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-tielet u raba eccezzjoni, tilqa it-tieni eccezzjoni imressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u*

*Tiddikjara r-rikors promotur bhala null u bla effett peress illi ma huwa ibbazat fuq ebda disposizzjoni tal-Ligi.*

*Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez ta' dawna il-proceduri".*

Illi l-appellant Dr. Pierre Lofaro appella mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji illi jikkonċernaw:-

1. Ir-raġuni mogħtija mill-Ewwel Qorti meta iddikjarat ir-rikors promotur bħala wieħed null u mingħajr effett ma tinkwadrax ruħha f'waħda mill-ipoteżijiet ta' nullità li huma tassattivament ikkontemplati fl-Artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;
2. In-nuqqas ta' disposizzjoni tal-liġi li espressament tikkontempla d-dritt ta' azzjoni ma jfissirx illi dak id-dritt ta' azzjoni ma jeżistiex;
3. Is-sentenza appellata hija nulla u mingħajr effett stante li l-Qorti issollevat hi stess *ex officio* l-inkompetenza tagħha waqt li kienet qed tqis eċċezzjoni li ma kellha l-ebda kollegament mal-kwistjoni tal-kompetenza u dan mingħajr ma tat lill-kontendenti l-opportunita li jittrattaw din il-kwistjoni, u mingħajr ma iddeċieidet il-kwistjoni tal-kompetenza b'kap għalih kif irid l-Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Mis-sentenza impunjata kif ukoll mill-atti joħorġu s-segwenti fatti saljenti. Permezz ta' rikors datat 29 ta' Settembru 2011, l-appellant talab lill-Qorti tal-Maġistrati tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għall-ħlas tal-ammont ta' sitt elef sitt mija u sbatax-il Ewro (Ewro 6,617) fl-ittra uffiċjali tal-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 9 ta' Settembru 2011, u mitlub

minnu bħala taxxxa fuq id-dħul jew taxxa provviżorja għas-snin ta’ stima 1995, 1996 u 1998, hija infondata, stante illi tali ammont mhuwiex dovut kif ukoll stante illi l-azzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kienet preskritta ai termini tal-Artikolu 47 tal-Att dwar l-Amministrazjoni tat-Taxxa.

Illi l-Ewwel Qorti, wara li ordnat illi kellhom qabel xejn jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa ghaddiet sabiex laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, fejn gie eccepiet illi r-rikors promotur ma kienx ibbażat fuq ebda disposizzjoni tal-liġi u illi l-artikolu 40 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jagħtix ir-rimedju li qed jitlob ir-rikorrent. L-Ewwel Qorti iddikjarat ir-rikors promotur bħala null u bla effett, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra u cioe’ tat-tielet u ir-raba eccezzjonijiet hekk sollevati.

Illi l-ewwel ilment imressaq mill-appellanti tippermja ruhha fuq dikjarazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti wara li intlaqghet t-tieni eccezzjoni sollevata mill-appellat Kummissarju tat-Taxxi Interni. Jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tiddikjara ir-rikors promotur bhala null u bla effett fil-ligi billi n-nullita’ deciza mill-Ewwel Qorti ma tinkwadrax ruhha fil-parametri ta’l-artikolu 789 tal-Kodici ta’l-Organizazzjoni u Procedura Civili li jitkellem dwar nuqqas serju fl-att gudizzjarju u raġunijiet gravi ohra kif elenkati fl-istess disposizzjoni tal-ligi. Isostni l-appellanti ukoll illi l-formaliżmu esaġerat huwa ostakolu għall-ġustizzja sostantiva.

Illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti tqis illi ir-rikors promotur kien wiehed null u bla effett fil-ligi, minghajr dubbju, ma kienx wiehed mill-elementi elenkati fl-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 li iwasslu ghan-nullita ta’ att gudizzjarju. Li riedet

tfisser l-Ewwel Qorti kien illi l-procedura segwieta mill-appellanti ma kenitx wahda moghtija fil-ligi. Huwa minnu illi l-att gudizzjarju fih innifsu ma kellux xi difett procedurali fil-forma jew fil-kontenut tieghu. Izda mill-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti fil-parti operattiva tas-sentenza ghandu jirrizulta illi dak li riedet tfisser kien indubbjament illi l-azzjoni kif intentata mill-appellanti ma kenitx wahda ikkontemplata fil-ligi u allura iktar minn nullita ta' att gudizzjarju hija l-azzjoni gudizzjarji fil-generalita' taghha illi kellha tigi iddikjarata irrita u nulla. Illi ghalkemm huwa minnu illi d-dicitura intuzata mill-Ewwel Qorti huwa kemmxejn infelici billi huwa evidenti dak li ried jigi imfisser fid-decizjoni, din l-Qorti ma tarax illi dan l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti jisthoqq akkoljiment. Fil-fatt id-dikjarazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti dwar in-nullita' tar-rikors promotur hija strettament marbuta mal-akkolijment tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju. Qalet hekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha:

> *Il-Qorti ghalhekk tqis illi la darba l-azzjoni ittentata mir-rikorrenti ma hijiex wahda kkontemplata fil-Ligi, u la darba l-Qrati tal-Magistrati huma obbligat josservaw il-parametri lilha preskriti mill-Ligi, it-tieni eccezzjoni mressqa mill-Kummissjaru tat-Taxxi Interni hija valida u ghandha tigi accettata.*

Kwindi hija il-fehma ta' din il-Qorti illi dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkolijment ukoll ghaliex kieku ghal grazzja ta'l-argument l-aggravvju kellu isib il-favur ta' din il-qorti ta' revizjoni, l-istess ma huwiex ser jincidi fuq l-ezitu ta' dana l-appell billi s-sentenza tippermja ruhha fuq l-akkolijment maghmul mill-Ewwel Qorti tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-appellat fejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien eċċepixxa hekk:

> *2. Illi l-kontestazzjoni dwar il-quantum tat-taxxa dovuta ma tistax issir billi tigi attakata l-Ittra Ufficjali, u dana peress illi t-titolu ezekuttiv attwalment kien gia attenut qabel u independentement mill-Ittra Ufficjali.*

Maghmula ghalhekk dawn il-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel aggravvju, li ma ghandu ikollu ebda rilevanza ghall-ezitu ta' dana l-appell, dak li jolqot is-sustanza tal-lanjanzi sollevati huwa il-kwezit legali dwar l-insostenibilita' o meno ta'l-azzjoni esperita mill-appellanti bil-procedura intentata minnu quddiem l-Ewwel Qorti, procedura li minghajr ebda esitazzjoni dina l-Qorti tistqarr li ma hijiex ikkontemplata fil-ligijiet specjali li jirregolaw l-gbir tat-taxxa mill-awtoritajiet governattivi. Din il-Qorti tosserva illi l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (l-Kapitolu 372) huwa l-Kapitolu tal-Liġi relevanti għall-kawża odjerna. Minn qari ta' dik il-liġi, jingħad illi ma jeżistix ir-rimedju illi ipprova jfittex l-appellant, bħala rikorrent, quddiem l-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti tosserva illi t-titoli eżekuttivi imsemmija fl-imsemmi artikolu 40 u illi jgawdi il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jsiru eżegwibbli wara illi tiġi ippreżentata l-ittra uffiċjali mill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni. Jiġifieri l-ittra uffiċjali tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 9 ta' Settembru 2011 tirrendi t-titolu tiegħu wieħed eżegwibbli fil-konfront tal-appellant. Kwindi bl-ittra uffiċjali, il-Kummissarju ipproċeda għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu u dik l-ittra uffiċjali serviet biss sabiex tinterpella lill-appellant sabiex iħallas il-kont tat-taxxa. Skont l-artikoli 33 u 37 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-taxxa, hemm proċedura speċifika illi għandha tiġi segwita għal min jixtieq jagħmel oġġezzjoni jew kontestazzjoni ta' kont tat-taxxa, jew għal min jixtieq jagħmel talba għal reviżjoni tal-istess, (haga li *del resto* jidher illi l-appellanti ghamel ghar-rigward tas-sena ta' stima 1997) u għalhekk meta l-appellanti ippreżenta r-rikors quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jattakka l-ittra

uffiċjali huwa ma segwiex il-proċedura korretta kontenuta fl-imsemmija artikoli tal-liġi. L-appellant izda jishaq illi n-nuqqas ta' disposizzjoni tal-liġi li espressament tikkontempla d-dritt ta' azzjoni esperita minnu, ma jfissirx illi dak id-dritt ma jeżistiex. Jargumenta illi huwa ma setax jinghata smigh xieraq quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali u iktar 'il quddiem wara l-emendi li gew fis-sehh quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva billi huwa kien prekluz milli jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghal dak li jirrigwarda l-kontijiet rezi ezekuttivi quddiem dawn it-tribunal specjali. Illi meta wiehed jezamina il-gurisdizzjoni tat-tribunal ta' revizjoni amministrattiva jista' jara facilment illi dak li jallega l-appellanti huwa ghal kollox fieragh billi l-ligi taghti poteri lil dan it-tribunal li "*jeżamina kull punt ta' natura fattwali **u legali rilevanti** għall-każ ippreżentat mill-partijiet skond il-liġi applikabbli*"[1] Kwindi ma kien hemm xejn x'jipprekludi lill-appellanti jissolleva kwalunkwe eccezzjoni ta' natura legali quddiem tribunal *ad hoc* vestit bil-ligi specjali sabiex jitratta l-lanjanza imressqa minnu f'dawn il-proceduri.

Huwa ghal dan il-ghan illi sabiex wieħed jitlob ir-reviżjoni ta' taxxa mitlub, jew sabiex wieħed joġġezzjona minn kontijiet maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa Interna, hemm proċedura legali speċifika illi għandha tiġi segwita. Din il-Qorti tosserva illi hija dik il-liġi speċjali illi kellha tiġi segwita mill-appellanti sabiex huwa jattakka t-titolu eżekuttiv li l-Kummissarju tat-Taxxa kellu fil-konfront tiegħu u issa li ma ghamilx dan ma jistax l-appellanti jagħżel hu il-qorti fejn jipprova jattakka l-arretrati ta' taxxa li ghandu. In oltre, din il-Qorti tosserva ukoll illi li kieku l-proċedura li għażel l-appellanti kellha tiġi aċċettata, wieħed ikun qiegħed jirrendi l-proċedura stabbilita fil Kapitolu 372 bħala superfluwa.

[1] Art 3(2)(f) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi kif deciz minn skorta ta' decizjonijiet in materja u senjalatament fis-sentenza Emanuel Cutajar vs Kummissarju tat-Taxxi Interni:

**"Kif inghad l-ittra ufficjali maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni saret a bazi tal-artikolu 40 tal-Kapitolu 322 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Qari ta' dan l-artikolu li jinsab fit-Taqsima VII tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa juri illi l-ittra ufficjali msemmija fl-artikolu 40(1)(d) mhix intiza biex tikkreja titolu izda hi intiza ghall-ezekuzzjoni ta' titolu gia ottenut. L-ittra ufficjali fil-fatt ghandha l-iskop li tirrendi titolu ezekuttiv ezegwibbli wara jumejn minn notifika tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 44 tal-Kapitolu 372.**

**Ir-rikorrenti mhux jattakka t-titolu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni mill-mod kif inhi impostata l-azzjoni. Hu minnu illi f'zewg aggravji msemmija minnu hu jallega l-preskrizzjoni tat-taxxa ghas-snin 2002 u 2003 ...**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jirrispondi fl-ewwel lok in-nullita tal-azzjoni ghax mhux ibbazata fuq artikolu jew dispozizzjoni ta' ligi li taghti dritt lir-rikorrenti jimposta l-azzjoni tieghu kif saret ....**

**Madanakollu din il-Qorti tqis li l-kwistjoni tmur oltre l-preskrizzjoni ghal talba ghal hlas dwar stima maghmula billi tali lment seta' u messu gie imqajjem mir-rikorrenti fiz-zmien stipulat mill-ligi u ghalhekk tali stima ladarba ma gietx attakkata entro t-terminu u skond il-modalita tal-ligi saret finali u konklussiva skond l-artikolu 38 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant titolu ezekuttiv taht l-artikolu 40(1)(c) tal-Kap. 372.**

**Kif gia gie kostantement stabbilit mill-Qrati, il-kontestazzjoni tal-quantum tat-taxxa ma tistax issir f'azzjoni li tattakka l-ittra ufficjali li tirrendi id-dritt kwezit ezegwibbli.**[2]"

Fuq l-istess konsiderazzjonijiet huwa ibbazat il-gudizzju fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mary Farrell vs Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud**:

**"Dan ifisser illi la darba l-istimi saru finali, l-istess ma jistawx aktar jigu kontestati. La l-Artikolu 466 u lanqas l-artikolu 281 tal-Kodici ta'l-Organizazzjoni u Procedura Civili ma jistghu jitqiesu li jghoddu ghal kaz, ghax l-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx taht l-artikolu 466 u lanqas ma hija mandat taht l-artikolu 273 tal-imsemmi Kodici. Jidher ghalhekk li l-ligi ma taghtix ir-rimedju li qed jitlob ir-rikorrenti b'dan ir-rikors . (ara bhala rifless fuq dan il-punt Borg et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni deciza minn din il-Qorti sede inferjuri fid-09 ta' April 2010).**

**Din il-Qorti, fil-kaz imsemmi ta' Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni kienet ezaminat ukoll ilment marbut mad-dritt ghas-smigh xieraq, u kienet cahditu wara li osservat li ilment simili ma jistax jigi milqugh meta dak li jkun ikun naqas li isegwi l-mod ta'**

[2] Deciza 5 ta' Marzu 2012

**kontestazzjoni li l-ligi specifika tkun ipprovdiet ghal min ma jkunx qed jaqbel mal-istimi mahruga.**[3]"

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti sejra tiċħad it-tieni aggravju sollevat mill-appellanti.

Deciz kwindi illi l-eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija wahda legalment fondata u konsegwentement l-akkolijment ta'l-istess mill-Ewwel Qorti ma huwiex censurabbli, l-ahhar aggravvju sollevat huwa kwazi superfluwu billi l-appellanti fost il-hafna ilmenti imressqa minnu jilmenta illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla stante illi dik il-Qorti issollevat hija stess l-inkompetenza taghha u ghaddiet ghad-decizjoni taghha fuq l-istess minghajr ma tat opportunita lill-partijiet iressqu is-sottomissjonijet taghhom dwar dan il-kwezit legali. Jgħid ukoll illi l-kwistjoni ta' kompetenza ma kellhiex x'taqsam mal-kwistjoni illi kienet qiegħda tiddeċiedi l-Ewwel Qorti. B'hekk jilmenta illi s-sentenza appellata tmur ukoll kontra l-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12.

Illi il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanti lanqas hawn ma ghandu ragun. Ibda biex l-eccezzjoni ta'l-inkompetenza tal-Qorti fl-ebda mument ma giet sollevata *ex officio* mill-Ewwel Qorti. Fil-fatt ir-raba eccezzjoni sollevata mill-Kummissarrju appellat hija propju eccezzjoni f'dana is-sens. Jekk imbaghad wiehed jifli l-atti tal-kawza huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti iddecidiet illi tissofferma ruhha fuq it-tieni, it-tielet u ir-raba eccezzjoni ta'l-intimat, l-ahhar wahda tkun dik tal-kompetenza tal-qorti. Illi fit-trattazzjoni in iskritt maghmula mill-kontendenti, din l-eccezzjoni giet itrattata ampjament b'mod estensiv ukoll mir-rikorrenti appellanti[4]. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-partijiet inghataw smiegh xieraq fuq tali eccezzjoni. Il-Qorti ghaddiet imbaghad ghad-decizjoni

---

[3] Deciza 24 ta' Gunju 2011

[4] Ara nota ta' sottomissjonijiet a fols.50 u 59.

taghha dwar l-istess billi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’l-istess u dana ghaliex billi kienet giet milqugha it-tieni eccezzjoni, d-decizjoni dwar dina l-eccezzjoni kienet giet assorbita fid-decide tal-Ewwel Qorti. Di piu’l-Artikolu 774 tal-Kapitolu 12 jaghti dana il-jedd lill-Qorti li tissolleva l-inkompetenza taghha hija stess billi din titqies bhala kwistjoni ta’ ordni pubblika. Kwindi ma għandux raġun l-appellant f’dan l-aggravju tiegħu.

Lanqas ma għandu raġun l-appellant fl-ilment tiegħu illi s-sentenza appellata tmur kontra l-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din il-Qorti tosserva illi dan l-artikolu ma japplikax għall-każ odjern, stante illi l-Qorti kienet effettivament qiegħda tiddeċiedi fuq it-tieni eċċezzjoni tal-appellat, u peress illi din ġiet milqugħa, ma kienx hemm il-bżonn illi hija tiddeċiedi fuq l-eċċezjonijiet l-oħra. Kwindi ma kienx hemm il-bżonn illi l-Ewwel Qorti tagħmel konsiderazzjonijiet tagħha skond l-artikolu 730. Għal dawn ir-raġunijiet, anke dan it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi l-appell imressaq mill-appellanti Dr. Pierre Lofaro ma jisthoqqx akkolijment.

**<u>L-Appell Inċidentali.</u>**

Illi l-appellat Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprevalixxa ruħhu mill-appell tal-appellant u interpona appell inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti iddeċidiet hekk ‘*kull parti għandha tbati l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri’*.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jgħid illi l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissarju u iddikjarat ir-rikors null u bla effett in kwantu dan ma kien ibbażat fuq ebda disposizzjoni legali. Għalhekk huwa jħossu aggravat bil-kap tal-ispejjeż, għaliex skont huwa, ma kien hemm ebda raġuni għalfejn l-ispejjeż kellhom jiġu ikkumpensati bejn il-partijiet. Huwa jgħid illi l-ispejjeż kellhom jiġi ssaportati interament mill-appellanti.

Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-**<u>artikolu 223</u>** tal-Kapitolu 12, li hija r-regola fil-liġi tagħna tal-ispejjeż, illi jistipula hekk:-

> *223. (1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.*

Imbagħad din ir-regola hija temperata fis-subartikolu 3

> *(3) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.*

Din il-Qorti tosserva illi dan l-imsemmi l-artikolu jagħti l-fakulta lill-Qorti illi tordna kif għandhom jitħallsu l-ispejjeż. Tosserva ukoll illi fil-kawża appellata, il-parti telliefa kien biss l-appellanti Dr. Pierre Lofaro. Ma jirriżultax lil din il-Qorti illi f'din il-kawża ġew deċiżi xi punti diffiċli tal-liġi. Kwindi skond l-artikolu 223(3) hawn fuq iccitat, l-uniku raġuni illi seta' kellha l-ewwel Qorti sabiex tordna illi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha kienet illi, skond hija, kellha tapplika dik il-parti tas-subartikolu 3 illi jitkellem dwar '*raġuni tajba oħra*'. Din il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti ma tat ebda '*raġuni tajba'* għalfejn hija iddeċidiet illi kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha. Din il-Qorti tosserva ukoll illi ma tirriżultalhiex ebda raġuni jew mottiv ġust jew xi ċirkostanza partikolari għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż kif għamlet. Anzi tosserva illi ma tħossx illi l-ġustizzja ġiet sodisfatta bl-ordni illi għamlet l-Ewwel Qorti dwar il-mod kif kellhom jiġu ssoportati l-ispejjeż. U għaldaqstant, f'dan ir-rigward ikun aktar ġust illi l-ispejjeż jitħallsu mill-appellanti, stante illi huwa it-tellief f'dawn il-proceduri.

**<u>Konklużjoni</u>**

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba il-Qorti qed tichad l-appell imressaq mill-appellanti Dr. Pierre Lofaro u tikkonferma s-sentenza appellata, ghajr ghal decizjoni dwar il-kap ta'l-ispejjez, u kwindi tilqa' l-appell inċidentali imressaq mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu din iddeċidiet illi kull parti għandha tbati l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri, u minflok tiddikjara illi l-ispejjeż kemm tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll ta' dina l-istanza għandhom jitħallsu fl-intier taghhom mill-appellanti Dr. Pierre Lofaro.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------